MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2008

Numru 693/2004

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
NAZZARENO BUHAGIAR
GILMORE CACHIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Nazzareno Buhagiar ta' 33 sena, iben Joseph u Vincenza nee' Baldacchino, imwieled Valletta fit-13 ta' Ottubru 1970, residenti fi 'Freddy Helly', Flat 2, Notabile Road, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 442470(M). Gilmore Cachia ta' 18-il sena, iben Martin u Therese nee' Carabott, imwieled Pieta' fit-3 ta' Novembru 1985, residenti f' 'Casa Martina', 238, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 38386(M);

Illi huma akkuzati talli nhar il-Gimgha 16 ta’ Lulju 2004, f’Bugibba xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu, jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importjaw ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ 97 compact discs konsistenti f’CDs tal-muzika, DVDs u loghob tal-Playstation;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta’ kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod ihoe irriproducew jew ikkopjaw, jew bieghu , qassmu, jew mod iehor offrew ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha.

Illi Nazzareno Buhagiar akkuzat wahdu talli sar recidiv a terminu ta’ l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 26 ta’ Jannar 2003 u 29 ta’ Marzu 2004 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Illi Gilmore Cachia akkuzat wahdu talli sar recidiv a terminu ta’ l-Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 14 ta’ Jannar 2003 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali (fol.3) u dak ta’ l-imputat (a fol.25, 26) sabiex il-kas jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Dr. Patrick Galea ezebixxa u kkonferma l-kwerela (ara PG 11 a fol.84 sa 87) flimkien ma’ ‘powers of attorney’ (Dok.PG1 sa Dok.PG10).

Spettur Angelo Gafa' a fol.88 et sequitur, xhed illi fis-16 ta' Lulju 2004 huwa kien ghamel inspezzjoni flimkien ma' PC1226 u PC960 f'Bugibba Promenade u fi stall kien hemm l-imputat Nazzareno Buhagiar waqt li l-imputat Gilmore Cachia kien hdejh. Minn dan l-istall, minn go zewg basktijiet li kienu mqeghdha taht l-istall u go kaxxa wara l-istall, il-Pulizija sabu tmienja u hamsin DVD (58DVD) u tmienja u tletin CD's (38CD's) u "Playstation" li gew ezebiti bhala DVD1 sa DVD 58, CD1 sa CD38 u PS1 rispettivament.

Illi fl-istqarrija Dok.AG (a fol.90 et seq.), Nazzareno Buhagiar ghazel li ma jirrispondi l-ebda domanda li saritlu, kif ghamel l-imputat Gilmore Cachia fl-istqarrija tieghu Dok.AG1 (a fol.92 et seq.)

PC474 Norbert Said, xhud ta' stqarrija Dok.AG ikkonferma illi l-imputat inghata s-solitu twissija u gharaf il-firem fuq l-istess stqarrija.

Spettur Angelo Gafa', fit-tieni xhieda tieghu (a foo.109) ezebixxa tlett sentenzi (Dok.XAG, Dok.XAG1, Dok.XAG2) u d-Difiza (a fol.108) ezentat il-Prosekuzzjoni mill-prova ta' l-Identita' dwar l-istess, waqt li l-imputat accetta dawn is-sentenzi bhala moghddija in gudikat fil-konfront tieghu.

A fol.136, l-Espert Martin Bajada, ezebixxa r-relazzjoni tieghu (Dok.MB a fol.137 et seq.) fejn ikkonkluda illi d-DVDs u c-CDs ezebiti flimkien mal-"Playstation" u cioe DVD1 sa DVD58, CD1 sa CD38 u PS1, kienu kollha 'non compliant'.

L-imputati ghazlu li ma jixhdux u ddikjaraw li ma kellhomx provi x'jipproducu.

Illi fit-trattazzjoni d-Difiza rriteniet illi l-Qorti ma tista' fl-ebda mod issib htija fl-imputat, Gilmore Cachia, stante illi l-Prosekuzzjoni ma pprovatx in-'nexus' bejn l-imputat Gilmore Cachia u l-oggetti misjuba fl-istall ta' Nazzareno Buhagiar.

Illi din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tilqa' dak sollevat mid-Difiza u dana il-ghaliex huwa evidenti ghal din il-Qorti illi dan l-istall fuq il-monti kien qieghed jitmexxa minn Nazzareno Buhagiar u Gilmore Cachia. Gie ppruvat bla dubju dettat mir-raguni illi d-sitta u disghin DVD's, CD's u "Playstation" huma 'non-complaint' kif gie stabillit mill-Espert Martin Bajada, f'Dok.MB. Illi di piu, din il-Qorti rat is-sentenza taghha Dok.XAG a fol.160 et seq. fejn certament wiehed ma jistax jasserixxi illi l-imputat Cachia qatt ma kellu x'jaqsam mal-generu ta' negozju ta' bejgh ta' 'counterfeit CDs u DVDs'.

Ghal dak li gie sollevat dwar in-nuqqas ta' prova ta' opri ta' arti li ghamlu id-ditti esteri, li ghan-nom taghhom Dr. Patrick Galea, ezebixxa l-kwerela u l-'powers of attorney', din il-Qorti taghraf li dan l-istat ta' fatt huwa fatt pubblikament u universalment maghruf u certament ma kienx necessarju ghal Prosekuzzjoni illi tipproduci provi interjuri minn dawk diga' prodotti u kkonfermati minn Dr. Patrick Galea, apparti li l-istess 'powers of attorney' jitkellmu anke fid-dettal dwar it-tip ta' opri ta' arti li ghamlu tad-ditti esteri.

Illi ghal rigward ta' piena, l-Qorti giet mgharfa mill-Ufficjal Prosekutur, illi Nazzareno Buhagiar kien iddemetta milli jkompli jahdem f'xoghol ta' 'counterfeit' ta' CDs, DVDs u "Playstations" u li kien qabad mistier iehor kompletament divers. L-istess sfortunatament, ma jistax jinghad ghall-imputat Gilmore Cachia.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 298 u 298B(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Nazzareno Buhagiar, ghal multa ta' 4,658.75 Euro (ekwivalenti ghall-elfejn lira - Lm2,000) u tikkundanna lill-imputat Gilmore Cachia ghal 69,88.12 Euro (ekwivalenti ghal tlett elef lira multa - Lm3,000) In oltre', l-Qorti tordna l-konfiska tas-sitta u disghin, 'optical diskettes' illi huma 'counterfeit' u tordna d-distruzzjoni mmeddjati taghhom. In oltre' ai termini ta' l-Artikolu 31 tal-Kap.441 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tissosspendi t-'trading license' ta' l-imputat Gilmore Cachia ghal perijodu ta' tlett xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------